**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima, LL.D.**

**Appell Nru: 291/2021**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Shaunvic Felice**

Illum, 26 ta' Novembru 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellat, Shaunvic Felice, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 12990M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli nhar is-7 ta' Mejju 2021, għal habta ta' 12:00pm u fis-siegħat u/jew fil-ġranet u/jew ġimghat u/jew xhur ta' qabel ġewwa Ħal Qormi u diversi positijiet ġewwa dawn il-gzejjer, b'diversi atti magħmulin fi zminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Ikkaġuna lil missieru Victor Felice, fastidju meta ġab ruħu b'mod li missu kien jaf li kien qed ikun tali u li kien instab ħati ta' delitti ta' natura simili;
2. Ikkaġuna lil missieru Victor Felice, biza' li se tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta' tiegħu u li kien instab ħati ta' delitti ta' natura simili;
3. B'intenzjoni li jikkawza dwejjaq, ħsara emozzjonali jew ħsara ta' kull xorta, ħa u/jew zvela xi ritratt/i jew xi *film* sesswali privat mingħajr il-kunsens tal-eks sieħba Graziella Attard;

4. Permezz ta' xi *network* jew apparat ta' komunikazzjoni eletroniku, hedded li jagħmel xi reat, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil Victor Felice jagħmel xi ħaġa jew għamel uzu ieħor mhux xieraq bih;
5. Kiser il-provvedimenti ta' sentenza sospiza mogħtija fil-konfront tiegħu b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), preseduta mill-Maġistrat Dr. I. Farrugia LLD, liema sentenza saret definittiva u ma tistgħax tinbidel.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex titratta lil Shaunvic Felice bħala persuna reċediva meta ġie ssentenzjat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jiġu mibdula u dan bi ksur tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ukoll ġentilment mitluba li toħroġ ordni ta' protezzjoni fil-mori tal-kawza kontra Shaunvic Felice a benefiċċju ta' missieru Victor Felice u l-eks sieħba Graziella Attard u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll, f'kaz ta' ħtija, sabiex tipprovdi għas-sigurta' ta' missieru Victor Felice u l-eks sieħba Graziella Attard jew sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil Shaunvic Felice billi tapplika l-Artikolu 382A *et seq* tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-13 ta' Lulju 2021, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 251A, 251B, 251H, 251HA, 221(1) u 202 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, 251B, 251H, 251HA, 221(1) u 202 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, 208E tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, 49(a)(c) tal-Kapitolu 339 tal-Ligijiet ta' Malta, 28A u 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u filwaqt li kkundannatu multa ta' elf Ewro (€1,000) għar-raba imputazzjoni, kkundannatu ukoll għal disgħa (9) xhur priġunerija għall-imputazzjonijiet l-oħra b'dan li l-Qorti għazlet li testendi l-perjodu operattiv tas-sentenza ta' sena priġunerija mogħtija fil-15 ta' Frar 2018 għal erbgħa snin mid-data tas-sentenza. *In oltre*, u b'applikazzjoni tal-Artikolu 382A u 412C tal-istess Kapitolu 9, għaddiet sabiex tipprovdi għas-sigurta' tal-imsemmija Graziella Attard u poġġiet lill-imputat taħt Ordni ta' Trażżin għal perjodu ta' tlett (3) snin bil-kundizzjonijiet elenkati f'ordni mogħti kontestwalment. In konklużjoni u b'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti kkundannat lill-imputat biex iħallas lir-Reġistratur ta' din il-Qorti s-somma ta' tmenin

Euro u ħamsa u tmenin ċentezmu (€80.85) rappreżentanti spejjeż rinkorsi mal-ħatra ta' esperti.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Ġenerali pprezentat fit-3 ta' Awwissu 2021, fejn talab lil din l-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi:

1. Tikkonfermaha fejn, fuq ammissjoni tiegħu stess, sabet lill-appellat ħati tal-imputazzjonijiet kollha fil-konfront tiegħu; u
2. Tħassarha u tirrevokaha fil-parti tal-piena, billi minflok tinfliġġi piena idoneja, fil-parametri tal-liġi kif ukoll ġusta skont il-liġi.

Rat l-aggravji imqajma mill-Avukat Ġenerali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, dan huwa appell imressaq mill-Avukat Ġenerali limitatament għal dak li jirrigwarda l-piena inflitta fuq l-appellat bl-aggravju illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet waħda ferm taħt il-minimu preskritt mill-liġi għar-reati li dwarhom l-appellat ġie misjub ħati fuq ammissjoni tiegħu stess.

Illi, pero' qabel ma tinoltra ruħha fuq din il-lanjanza li jqajjem l-Avukat Generali, ma jistax ma jiġux sorvolati in-nuqqasijiet li l-Qorti ravviżat fis-sentenza appellata fejn, għalkemm l-Ewwel Qorti sabet ħtija fir-rigward ta'l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra l-appellat, madanakollu fil-parti deċizorja tas-sentenza naqqset fuq zewġ binarji, senjatament fejn l-ewwel għamlet referenza għall-Artikolu 221(1) tal-Kodiċi Kriminali u fit-tieni lok fejn għamlet referenza għall-Artikolu 49(a)(c) tal-Kapitolu 339 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi, primarjament, l-Artikolu 221(1) tal-Kodiċi Kriminali jitkellem dwar ir-reat ta'l-offiza ħafifa fuq il-persuna, li mhuwiex wieħed mir-reati addebitati lill-appellat. Magħdud ma' dan, imbagħad, l-Ewwel Qorti indikat li qed issib ħtija għar-reati kkontemplati fl-Artikolu 49(a)(c) tal-Kapitolu 339 tal-Liġijiet ta' Malta, liema Liġi ġiet indikata b'mod erronju meta ġiet misjuba ħtija għar-reat dwar l-użu mhux xieraq ta' apparat elettroniku. Dan meta dan il-Kapitolu tal-Liġijiet ma jeżistiex. Il-Qorti għalhekk għandha idejha marbuta u ma tistax ħlief tissolleva *ex officio* n-nullita' parzjali tad-deċizjoni mpunjata li tagħmel referenza għal reat li ma jeżistix u li ma għandu xejn x'jaqsam mal-fattispeċje ta' dan il-kaz, u dan għalkemm huwa evidenti illi x'aktarx dan kien *lapsus* da parti ta'l-Ewwel Qorti meta indikat l-artikolu 221(1) minflok l-artikolu 222(1), li huwa aggravanti għar-reat u li għalhekk waħdu ma jwassalx għan-nullita', u di piu meta indikat li qed issib ħtija taħt il-Kapitolu 339 tal-Liġijiet ta' Malta minflok il-Kapitolu 399. Jikkonsegwi għalhekk illi r-rekwiziti stabbiliti fl-Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ma ġewx rispettati u dana neċessarjament iwassal għan-nullita' parzjali tad-deċizjoni impunjata. Premess dan allura, "***ghalkemm ma hemm ebda aggravju dwar dan fir-rikors tal-appell, din il-Qorti "ex officio" ma tistax thalli dan l-izball ghaddej qiesu ma kien xejn u -tikkonferma, tvarja jew tirrevoka sentenza appellata li tkun nulla ghax ticcita Kapitolu tal-ligi (f'dan il-kaz addirittura id-disposizzjoni espressa tal-ligi) zbaljat bi ksur ta' dak li jiddisponi l-artikolu 382 tal-Kap. 9. Dan l-izball jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali li jwassal ghan-nullita' tas-sentenza appellata w l-Qorti tal-Appell ghandha tannulla w thassar dik is-sentenza w tisma l-kawza mill-gdid fil-mertu. (Ara App. Krim. "Il-Pulizija vs. Joseph Muscat" [10.6.94], "Il-Pulizija vs. Anthony Zahra " [26.5.94]; "Il-Pulizija vs. Charles Micallef" [23.6.1995] u ohrajn.)***"[1]

Issa billi l-appellat ammetta għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u billi l-atti għalhekk huma kollha kkumpilati, fid-dawl tal-verbal tas-seduta tat-08 ta' Ottubru 2021, il-Qorti qiegħda tannulla s-sentenza impunjata u tgħaddi biex

[1] "Il-Pulizija vs Christopher Scerri", deċiza mill-Qorti tal-Appell Kriminali, nhar l-1 ta' Novembru 2007.

tiddeċiedi l-kawza fil-mertu bis-setgħa lilha moghti permezz ta'l-artikolu 428(3) tal-Kodiċi Kriminali.

**Ikkunsidrat:**

Illi, sorvolat dan il-preġudizzjali dwar in-nullita' tas-sentenza appellata, u fid-dawl tal-ammissjoni reġistrata mill-appellat, liema ammissjoni ma ġietx ikkontestata issa fi stadju ta' revizjoni, l-Qorti sejra tgħaddi biex tqis liema hija dik il-piena idonja ghar-reati addebitati lill-appellat u minnu ammessi *in toto*, mingħajr ebda riżerva.

Illi l-appellat, fuq ammissjoni tiegħu, huwa ħati tal-ħames imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu, u ċioe li:

1. Ikkaġuna lil missieru Victor Felice, fastidju meta ġab ruħu b'mod li missu kien jaf li kien qed ikun tali u li kien instab ħati ta' delitti ta' natura simili;
2. Ikkaġuna lil missieru Victor Felice, biza' li se tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta' tiegħu u li kien instab ħati ta' delitti ta' natura simili;
3. B'intenzjoni li jikkawza dwejjaq, ħsara emozzjonali jew ħsara ta' kull xorta, ħa u/jew zvela xi ritratt/i jew xi *film* sesswali privat mingħajr il-kunsens tal-eks sieħba Graziella Attard;
4. Permezz ta' xi *network* jew apparat ta' komunikazzjoni eletroniku, hedded li jagħmel xi reat, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil Victor Felice jagħmel xi ħaġa jew għamel uzu ieħor mhux xieraq bih;
5. Kiser il-provvedimenti ta' sentenza sospiza mogħtija fil-konfront tiegħu b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), preseduta mill-Maġistrat Dr. I. Farrugia LLD, liema sentenza saret definittiva u ma tistgħax tinbidel.

Huwa ġie akkuzat ukoll bl-addebitu tar-reċediva.

Illi, l-ewwel imputazzjoni dedotta kontra l-appellat tikkontempla r-reat maħsub fl-Artikoli 251A, 251H, 251HA u 202 tal-Kodiċi Kriminali. Taħt l-Artikolu 251A, il-parametri tal-piena huma ta' bejn 6 xhur u sentejn priġunerija jew multa ta' bejn €5,000 u €10,000, jew il-piena ta' priġunerija u multa flimkien. B'żieda ma' dan stante li l-

vittma f'dan il-każ huwa missier l-appellat u stante li din mhix l-ewwel darba li l-appellat instab ħati ta' l-istess akkuża, tali reat huwa aggravat fit-termini tal-Artikolu 251H tal-Kodiċi Kriminali. Dan iwassal sabiex il-parametri finali tal-piena għal dan ir-reat huma dawk tal-priġunerija bejn 9 xhur u 6 snin.

Illi, fit-tieni imputazzjoni, l-appellat huwa mixli bir-reat imfassal fl-Artikoli 251B, 251H, 251HA u 202 tal-Kodiċi Kriminali, liema reat iġorr il-piena ta' bejn sena u sentejn priġunerija jew multa ta' bejn €6,500 u €15,000, jew il-piena ta' priġunerija u multa flimkien. Għal darb'oħra, għall-istess motivi, tali reat huwa aggravat fit-termini tal-Artikolu 251H tal-Kodiċi Kriminali, sabiex il-piena tiżdied għal dik tal-priġunerija bejn 18-il xahar u 6 snin. Illi, it-tielet imputazzjoni dedotta kontra l-appellat tikkontempla r-reat imfasssal fl-Artikolu 208E tal-Kodiċi Kriminali, fejn il-parametri tal-piena huma ta' mhux aktar minn 5 snin priġunerija jew multa ta' bejn €4,000 u €8,000 jew piena ta' priġunerija u multa flimkien.

Illi, ir-raba' imputazzjoni dedotta kontra l-appellat hija dik li titratta r-reat dwar l-użu mhux xieraq tal-apparat ta' telekomunikazzjoni ikkontemplat fl-Artikolu 49(a)(c) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta, bil-ħames u l-aħħar imputazzjoni timputa lill-appellat il-ksur ta' sentenza sospiża bl-applikazzjoni tal-Artikoli 28A u 28B tal-Kodiċi Kriminali, fejn il-Qorti tista' tagħżel li jew titratta mal-ħati għar-reat oriġinali jew inkella li testendi il-perijodu tas-sentenza sospiza ġia viġenti.

Illi fir-rigward tal-ewwel tlett imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat, l-Ewwel Qorti mponiet piena ta' 9 xhur priġunerija, liema piena l-Avukat Ġenerali qed jikkontendi li hija waħda li tinżel taħt il-minimu preskritt mill-Liġi. Dan apparti l-addebitu tar-reċidiva. Illi minn espozizzjoni tal-pieni relattivi għal kull reat addebitat lill-appellat huwa evidenti illi l-Avukat Ġenerali għandu raġun fil-lanjanza minnu ventilata, billi anke bil-konkors tar-reati u pieni kif maħsub fl-artikoli 17(b) u (h) tal-Kodiċi Kriminali, l-minimu tal-piena, mingħajr ma din tiżdied bi grad għall-addebitu tar-reċediva hija dik ta' tmintax-il xahar priġunerija għall-ewwel żewġ imputazzjonijiet u piena li ma teċċediex il-ħames snin priġunerija jew l-imposizzjoni

tal-multa fil-minimu ta' €4000 ghat-tielet imputazzjoni, b'żieda imbagħad tal-piena ukoll tal-multa għar-raba' imputazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-appellant Avukat Ġenerali jilmenta ukoll illi l-Ewwel Qorti errat meta estendiet il-perijodu operattiv tas-sentenza sospiża inflitta fuq l-appellat u dana għaliex l-istess Qorti naqset milli tindika dawk r-raġunijiet li wassluha biex testendi tali perijodu mill-ġdid.

Illi l-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali jiddisponi:–

> **(1) Meta persuna tinstab ħatja ta' reat li għalih hemm piena ta' priġunerija, li jkun sar matul il-perijodu operattiv ta'sentenza sospiża, u jew tkun hekk instabet ħatja minn jew quddiem qorti kompetenti skont l-artikolu 28C li tittratta magħha għar-rigward tas-sentenza sospiża, jew sussegwentement tidher jew tinġieb quddiem dik il-qorti, f'dak il-każ, ħlief jekk is-sentenza tkun diġà bdiet isseħħ, dik il-qorti għandha tordna li s-sentenza sospiża għandha tibda isseħħ.**
>
> **(2) Jekk ir-reat l-ieħor li jsir matul il-perijodu operattiv ikun wieħed ta' natura involontarja jew jekk, fil-każ ta' xi xorta oħra ta' reat, il-qorti jkun jidhrilha, minħabba fiċ-ċirkostanzi kollha magħdudin il-fatti ta' dak ir-reat ieħor, li ma tkunx ħaġa ġusta li tagħmel ordni bis-saħħa tas-subartikolu (1), hija tista' tittratta mal-ħati b'xi wieħed minn dawn il-metodi li ġejjin –**
>
> **(a) tista' tastjeni milli tagħmel ordni bis-saħħa tas-subartikolu (1) u l-perijodu operattiv għandu f'dak il-każ jibqa' fis-seħħ; jew**
>
> **(b) tista' b'ordni tibdel l-ordni oriġinali magħmul bis-saħħa tal-artikolu 28A(1) billi minflok il-perijodu operattiv hemm speċifikat tagħmel perijodu li jkun jiskadi mhux iktar tard minn erba' snin mid-data tal-bdil:**
>
> **<u>Iżda jekk il-qorti ma tagħmilx ordni bis-saħħa tas-subartikolu (1) hija għandha tiddikjara ir-raġunijiet tagħha għaliex ma tkunx għamlet dan</u>. (*enfazi ta' din il-Qorti*)**

Illi, minn ezami akkurat tas-sentenza appellata, ma jirriżulta minn imkien li l-Ewwel Qorti ndikat xi raġunijiet li wassluha testendi l-perijodu operattiv tas-sentenza sospiża ġia in vigore.

Illi allura meta din il-Qorti tiġi biex tqis mill-ġdid il-piena li għandha tiġi inflitta fuq l-appellat, ser tieħu in konsiderazzjoni illi r-reati li dwarhom l-appellat ġie misjub ħati huma ta' natura serja li jolqtu anke is-serenita' tan-nukleju familjari tiegħu. Ukoll, għalkemm l-appellat irreġistra ammissjoni, dan seħħ ċirka xahrejn wara li kienu bdew il-proċeduri, u wara li kienu xehdu l-vittmi in kwistjoni, u għaldaqstant l-istess ma tistax tissejjaħ propju waħda bikrija. *In oltre*, din il-Qorti ma tistax ma tosservax illi l-fedina penali tal-appellat hija waħda kkulurita li turi kif hu ġja xellef difrejgħ diversi drabi mal-ġustizzja f'diversi okkażżjonijiet preċedenti u instab ħati ukoll ta' reati ta' natura simili bħal dawk addebitati lilu f'dawn il-proċeduri. Għalhekk jidher li huwa għadu ma tgħallem propju xejn mill-esperjenzi tiegħu tal-passat. Dan magħdud, madanakollu u fid-dawl tal-ammissjoni reġistrata mill-appellat, u fid-dawl ukoll tal-fatt illi r-relazzjonijiet bejn l-appellat u missieru llum tjiebu, tqis illi s-sentenza ta' priġunerija sospiża għandha tiġi estiża sabiex l-appellat waqt li jkun qed jiskonta s-sentenza ta' priġunerija li ser tiġi inflitta fuqu, jkun jista' jiġi sewgiet minn nies professjonali li jkunu jistgħu igħinuh biex jirriforma ħajtu u jitbiegħed mill-ħajja tal-kriminalita'.

**Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċidi billi wara li rat l-artikolu 251A, 251B, 251H, 251HA, 222(1), 202, 208E, 49 u 50, 17(b) u (h) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 49(c) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta ssib lill-appellat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah għal perijodu ta' għoxrin xahar priġunerija u multa ta' elf ewro. Wara li rat l-artikolu 28B(2)(b) tal-Kodiċi Kriminali tibdel l-ordni oriġinali magħmul bis-saħħa tal-artikolu 28A(1) billi tordna illi il-perijodu ta' sena priġunerija inflitta fuqu permezz ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati ta' nhar il-15 ta' Frar 2018 tiġi sospiża għal żmien erba' snin mill-lum. Tordna il-ħruġ ta' Ordni ta' Trazzin fit-termini ta'l-artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali għall-protezzjoni ta' Graziella Attard għal perijodu ta' tlett snin, liema terminu għandu jibda' jiddekorri mil lum. Finalment wara li rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali tikkundanna llill-appellat iħallas lir-Reġistratur tal-Qorti l-ispejjez rinkorsi mal-ħatra ta' esperti, ammontanti għal €80.85.**

**Twissi lill-appellat bil-konsegwenzi skont il-liġi jekk huwa jikkometti reat ieħor matul il-perijodu operattiva tas-sentenza sospiża estiża permezz ta' din is-sentenza.**

**Edwina Grima**

**Imħallef**